# Presidenti tas-Soċjetà

## Is-Sur Nikol Magri (1908-1912) it-tieni President tas-Soċjetà

**Is-Sinjorina Sephora Borg**





Is-Soċjetà Filarmonika Lourdes hija soċjetà bi storja kbira li tmur lura 119 sena. Matul din l-istorja s-Soċjetà dejjem ħaddnet nies li taw kull ma setgħu għas-Soċjetà. F'din il-lista ta' nies insibu lis-Sur Nikol Magri, li okkupa l-kariga ta' President u li dam jokkupa din il-kariga għal erba' snin mill-1908 sal-1912. Is-Sur Nikol kien wieħed mill-fundatari u ħabrek sew sabiex titwaqqaf is-Soċjetà Filarmonika Lourdes ġewwa r-raħal tagħna fl-1895.

Mit-twaqqif tal-ewwel kumitat tal-Każin Lourdes, li kellu l-ewwel sede tiegħu fil-Palazz tan-Nobbli Spiteri Agius, fi Triq il-Kbira, illum il-ġurnata qrib l-għassa u l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, is-Sur Nikol Magri kien jokkupa l-kariga ta' Viċi President, li dam f'din il-kariga għal tlettax-il sena sħaħ.

Nikol kien miżżewweġ lil Maria Konċetta née Muscat u kellu żewġt itfal, Ġużeppi u Maria Lourdes. Fost ħutu, ta' min isemmi lil oħtu Giovanna Cassar, omm l-eks President tas-Soċjetà Lourdes Dr. Ġuże Cassar. Nikol kien magħruf għall-kapaċitajiet tiegħu f'ħafna oqsma. Huwa kien l-ewwel għalliem fl-iskola l-qadima, jiġifieri l-ewwel skola tar-raħal fi Triq it-Torri llum residenza. Is-Sur Magri kien ukoll ġurnalista, peżatur u anke isewwi l-arloġġi. Però l-iżjed li baqa imfakkar għalihom huwa iż-żelu li kellu għall-mużika u d-dħul tad-dawl tal-aċitalena fil-Qrendi, fil-jiem tal-festi...

Nikol huwa l-fundatur tal-Ewwl Orkestra fir-raħal tagħna, l-"Orkestra Bellini". Kif instgħu nobsru, din l-Orkestra kienet popolari ħafna fil-Qrendi, u kienet tieħu sehem kemm fil-festa ta' barra u anke ta' ġewwa l-knisja, fosthom fil-festa tal-Madonna tal-Ħniena, fil-festa ta' San Mattew, fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes, u anke fil-festa tal-Ġimgħa l-Kbira, waqt il-priedka ta' tlett siegħat. Dak iż-żmien il-kunċerti kien jibdew isiru xi ġimgħat qabel ma tiġi ċċelebrata l-festa, u fil-knisja parrokkjali l-"Orkestra Bellini" kienet tpoġġi fil-gallarija tal-orgni fil-kor, fejn il-mużiċisti kienu jitilgħu bis-sellun.

Fl-arkivju tal-każin insibu rakkont tas-Sur Andrew Magro li kien wieħed mill-mużiċisti tal-Orkestra, u li anke dam fuq tletin sena Viċi President tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes, fejn jiddeskrivi l-kapaċità u l-paċenzja kbira li kellu Nikol Magri kemm bħala Direttur tal-Orkestra u anke bħala għalliem tal-mużika. Nikol jibqa wkoll infakkar li ġab mużika mill-Italja, li kienet tikkonsisti f'partitura tal-Orgni li minna kien joħroġ partijiet għall-Orkestra. Is-Soċjetà għada tgawdi dawn ix-xogħolijiet fl-arkivju tal-Banda Lourdes.

Il-President Nikol, jibqa magħruf ukoll għad-dawl tal-aċitalena li ġie introdott għall-ewwel darba fir-raħal tagħna sabiex tiddawwal l-faċċata tal-każin, fi Triq il-Kbira. Din l-aċitalena kienet tip ta' dawl għall-dak iż-żmien. L-installazzjoni tagħha kienet issir permezz ta' speċi ta' apparat billi jsir tank kbir għall-arja u żewġ tankijiet oħra żgħar għall-faħam, min fejn joħroġ pajp sabiex isir id-dawl. Fil-jiem tal-Festa ad unur l-Madonna tal-Lourdes kienu jsiru arkati kbar u linef fi Triq il-Parrocca, li dak iż-żmien kienet it-triq prinċipali tal-Knisja Parrokjali tar-raħal tagħna. Dawn l-arkati u l-linef kienu jinxtegħlu kollha permezz ta' dan id-dawl.

Matul ħajtu Nikol Magri kien ukoll Prokuratur tal-Fratellanza tal-Beata

Verġni Madonna ta' Lourdes u anke tal-Madonna tar-Rużarju. Hawnhekk tajjeb li insebbu inċident dwar l-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li saret mill-istatwatur Cremona, li għex fl-istess żmien tal-istatwarju Carlo Darmanin l-istess statwarju li għamel ix-xbieha tal-Madonna ta' Lourdes meqjuma sal-lum il-ġurnata. L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju Nikol dak iż-żmien kien talab permess sabiex ikun jista' jagħmel din l-istatwa, u li l-istess permess kien ġie milqugħ mill-Kappillan Dun Alfons Tabone. Iżda meta l-istatwa kienet lesta dan l-permess ġie irtirat, u din l-istatwa qatt ma daħlet ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Qrendi. Nikol Magri baqa' iżomm din l-istatwa bl-ikbar għożża ġewwa daru fi Pjazza Santa Marija. Din l-istatwa kienet tikkonsisti fi tliet figuri, fejn insibu l-Madonna bil-Bambin flimkien ma' San Franġisk. Wara diversi snin din l-istatwa ġiet irregalata lis-Soċjetà Filarmonika Lourdes, fejn minn dak inhar b'unur kbir ngħidu li saret propjetà tas-Soċjetà tagħna u li għadha titgawda sal-lum il-ġurnata fil-kappella li għandna fil-każin.

# St Bernardette Kids Club fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Lourdes

Ħeġġeġ lit-tfal tiegħek jingħaqdu ma' dan il-Club tat-tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena sabiex flimkien ma' tfal oħra jitgħallmu xogħol tal-idejn, rikreazzjoni u ħafna attivitajiet


**HORACE ENTERPRISES LTD.**

**Trophies & Sports Goods**
**Importer & Wholesaler**

Tel: 2169 6302
Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397

174,
Triq Raymond Caruana,
Gudja

E-mail:
horaceeenltd@link.net.mt




